5 ta' Ottubru, 1950
Imħallef :
L-Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.
Rev. Saċ. Don Vincenzo Borg *versus* Giuseppe Caruana et.

**Depożitu — Mandat — Karattru Differenzjali — Kawża Illeċita — Art. 1958 (1), 1959 (1) u 1993 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Bejn il-mandat u d-depożitu hemm differenza, konsistenti f'dan illi d-depożitarju sempliċement jikkonserva l-ħaġa fdata għandu, fil-waqt illi l-mandatarju jagħmel użu minn dik il-ħaġa fl-interess tal-mandant u skond l-istruzzjoni li dan ikun tah.*

*L-iskop prinċipali li għalih tkun saret il-konsenja tal-ħaġa għandu jiġi ravviżat fil-mument inizjali tat-tradizzjoni tal-ħaġa; u għalhekk, meta l-konsenja ssir lil persuna biex din tgħaddiha lil persuna oħra, toħroġ il-figura tal-mandat, u mhux dik tad-depożitu; u min irċieva dik il-ħaġa għandu jirrispondi għaliha bħala mandatarju, u mhux bħala depożitarju. U dan anki jekk il-konsenja tkun saret bl-intiża illi, jekk dik il-persuna l-oħra ma taċċettax il-ħaġa, din għandha tibqa' għand dak li rċeviha biex jgħaddiha lil dik il-persuna l-oħra li ma aċċettathiex; għax jibqa' dejjem illi l-iskop prinċipali tat-tradizzjoni kien dak li r-riċevent jgħaddi l-ħaġa lil ħadd ieħor, u illi l-fatt illi mbagħad tibqa' għand ir-riċevent, wara li dik il-persuna l-oħra ma aċċettathiex, huwa sekondarju. L-istess riċevent jibqa' mandatarju anki jekk huwa fil-fatt ma jgħaddix il-ħaġa lil dik il-persuna l-oħra.*

*Imma l-mandat għadu jkollu bħala skop tiegħu ħaġa leċita, ħaġa li l-mandant seta' jagħmel huwa nnifsu. Diversament il-mandat ikun bażat fuq kawża illeċita; u allura l-mandanti ma jkollu ebda azzjoni kontra l-mandant.*

*Fil-każ preżenti, l-attur inkarika lill-konvenut biex iniżżillu l-art minn abbord ta' vapur somma ta' flus u jikkunsinnaha lil persuna oħra hawn Malta. Il-konvenut la kkunsinna dik is-somma ta' flus lil dik il-persuna l-oħra u lanqas ma rrestitwiha lill-attur. Billi dawk il-flus l-attur ried iniżżilhom f'Malta bi ksur tal-"Finance (Defence) Regulations" ta' l-1942, il-Qorti żammet illi l-iskop ta' l-inkariku kien illeċitu, u għalhekk ċaħdet t-talba ta' l-attur kontra l-konvenut għar-restituzzjoni ta' dawk il-flus.*

Il-Qorti — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur, wara li jingħataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha meħtie-

ġa, talab illi l-konvenut jirrestitwilu, fi żmien qasir u perentorju, flimkien mal-frutti, is-somma ta' £200, kif ukoll is-somma ta' 293,160 liri taljani, li l-attur ikkunsinnalu b'titolu ta' depożitu; u jekk jonqos, illi l-istess konvenut jiġi kundannat iħallas l-imsemmija £200 u l-ammont ta' liri sterlini ekwivalenti għall-flus taljani fuq indikati, kompriżi d-danni li sofra l-attur minħabba n-nuqqas ta' restituzzjoni fiż-żmien dovut. Bl-imgħax legali min-notifika ta' l-ittra uffiċjali tal-1 ta' Gunju, 1949, bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-istess ittra uffiċjali u tal-mandat ta' l-elevazzjoni ta' l-4 ta' Gunju 1949, kontra l-konvenut;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi mill-provi jirriżulta li f'Settembru 1948 l-attur, li hu minn Ħal Qormi, kien ġej minn Sirakuża għal Malta fuq il-vapur "Laurana", u kellu miegħu lil George Baldacchino, minn Ħal Qormi wkoll. Waqt li kien fuq il-vapur, Baldacchino ġie avviċinat minn wieħed ħabib tiegħu min-Naxxar, li qallu biex jgħid lill-attur illi jekk kellu xi flus fuqu jneħħihom, għax kienu sejrin ifittxulu meta jasal Malta. Fil-fatt l-attur kellu fuqu tant flus ingliżi kemm taljani, jiġifieri kellu l-flus li huwa semma fl-att taċ-ċitazzjoni. Allura Baldacchino avviċina lill-konvenut, li huwa wkoll minn Ħal Qormi, u huwa, li deher ċar li kellu nteress f'dawk il-flus, u l-attur, talbuh biex iżommu dawk il-flus fuqu u jniżżilhom l-art hu. Il-konvenut ma aċċettax, għaliex qal li kien jibża' li lilu jfittxulu wkoll. Jidher li l-attur insista ħafna biex iniżżillu l-flus; u hekk, wara xi nofs siegħa, il-konvenut resaq fuq l-attur, u fil-preżenza ta' Baldacchino issuġġerielu biex dawk il-flus iħallihom fil-kustodja ta' wieħed ħabib tiegħu, li kien inġinier tal-vapur li kien fuqu (fol. 37, 39) u li kien dispost iniżżillu dawk il-flus, u assikurah li ma kellu jkollu diffikultà minnu. L-attur aċċetta;

Baldacchino qal lill-konvenut jekk huwa u l-attur setgħux jaraw lil dak ir-raġel; imma l-konvenut qalilhom li kien qed jieħu banju. Wara ftit il-konvenut mar jgħid lill-attur biex imur fil-kabina ta' dak ir-raġel. L-attur u Baldacchino marru mal-konvenut fil-kabina li ndikalhom il-konvenut, imma ma sabu lil ħadd hemm. Il-konvenut qal lill-attur biex jgħodd l-flus sakemm dak ir-raġel imur fil-kabina. Meta l-attur kien spiċċa

jgħodd il-flus ingliżi, u beda biex jgħodd dawk taljani, il-konvenut qallu biex *ma jkomplix jgħodd*, u biex jagħtih il-flus kollha........... Il-konvenut ħa l-flus, u ftit wara ta lill-attur karta li fuqha kien *hemm l-isem* u l-indirizz ta' dak ir-raġel li l-konvenut kien ikkwalifika bħala inġinier fuq dak il-vapur, u li lilu kien ikkonsenja l-flus........... jiġifieri Ġanni Muscat, Fleur-de-Lys Road, Birkirkara, nru. 25, skond kif kien hemm fuq dik il-karta........... L-għada filgħodu l-attur mar ifittex lil dak ir-raġel fl-indirizz li kien indikat fil-karta, imma sab li ħadd ma kien joqgħod f'dak l-*indirizz* bl-isem ta' Ġanni Muscat. Huwa mar ukoll jivverifika fl-uffiċċju tal-''Laurana'', imma sar jaf li ma kien hemm ħadd b'dak l-isem impjegat fuq dak il-vapur...... Allura l-attur interpella lill-konvenut biex jikkunsinnalu dawk il-flus........... l-*attur għamel* din l-azzjoni;

Illi mill-istess xhieda tal-konvenut jidher li dan ma kkonsenjax *lil* dak *ir-raġel imsemmi* minnu l-flus ta' l-attur, jew almenu sar xi ftehim bejniethom biex l-attur ma jirċevix dawk il-flus. Infatti........... Hu x'inhu, il-konvenut ma effettwax l-inkariku li rċieva minn għand l-attur;

Ikkunsidrat;

Illi l-ewwel ħaġa li trid tiġi eżaminata hija f'hix jikkonsisti dan l-*inkariku*, jew aħjar jekk fir-rapporti bejn l-attur u l-konvenut kienx hemm il-figura ġuridika tad-depożitu, kif jafferma l-attur, jew dik tal-mandat, kif isostni l-konvenut;

Il-mandat huwa kuntratt li bih persuna tagħti lil persuna oħra s-setgħa li tagħmel xi ħaġa għaliha (art. 1958 (1) Kp. 23), fil-waqt li d-depożitu, in ġenerali, huwa kuntratt li bih wieħed jirċievi l-ħaġa ta' ħadd ieħor bl-obligu li jikkustodiha u jroddha in natura (art. 1993 Kap. 23). Għalhekk hemm differenza bejn dawn iż-żewġ *kuntratti*, li tikkonsisti f'dan : ''che il depositario conserva semplicemente gli oggetti che gli sono stati affidati, mentre il *mandatario* li usa nell'interesse del mandante e in conformità alle istruzioni dal medesimo ricevute'' (Baudry Lacantinerie. Del Mandato, para. 404). Ta' l-istess fehma huwa Pothier (Del Deposito, Cap. I, para. 9), u Troplong (Del Deposito, sez. I, para. 29);

Biex ikun hemm depożitu ''fa d'uopo che lo scopo principale della tradizione sia unicamente che quegli cui vien fatta la tradizione s'incarichi della custodia di essa. Questo scopo

forma il carattere essenziale del contratto di deposito, che lo distingue dagli altri contratti" (Pothier, loc. ċit.). U dan l-iskop prinċipali għandu jiġi ravviżat x'kien fil-mument inizjali tat-tradizzjoni tal-ħaġa, jiġifieri x'kien l-iskop ta' l-attur, fil-każ preżenti, meta huwa ta l-flus lill-konvenut—"uniuscujusque contractus initium spectandum et causa" (Ulpiano, L. 8, D., Mandati). Issa l-attur ta dawn il-flus lill-konvenut mhux biex dan iżommhomlu fil-kustodja tiegħu, imma biex jgħaddihom lil dak ir-raġel li semma hu, u mbagħad hu (l-attur) jeħodhom minn għand dak ir-raġel. Tant hu hekk li l-attur ried ikun jaf l-isem, il-kunjom u l-indirizz ta' dak ir-raġel......... Huwa mar ifittex lill-konvenut għaliex ma kienx sab lil dak ir-raġel; imma l-flus proprjament huwa kellu jirċevihom minn għand dak ir-raġel. Dak kien l-iskop prinċipali—li l-konvenut jieħu l-flus lil dak ir-raġel, u mhux jikkustodihom hu........... Konsegwentement il-konvenut, di fronti għall-attur, kien sempliċi mandatarju, mhux depożitarju. "Ancorchè nel contratto per cui io vi avessi consegnato una cosa per rimetterla ad altra persona io avessi aggiunto (dak li ma kienx f'dal-każ) che, se questa persona non volesse riceverla, voi la custodireste, e che dietro il suo rifiuto voi l'aveste effettivamente custodita, il contratto avvenuto tra noi dovrebbe passare per un contratto di mandato, e non di deposito; perchè lo scopo principale per cui ho consegnato nelle vostre mani la cosa non fu già perchè la custodiste, ma bensì perchè la rimetteste a quella persona; non è che secondariamente che voi siete stato incaricato di custodirla. 'Si rem tibi dedi ut eam ad Titium perferres, et ut, si Titius rem non recepisset, tu custodires, nec eam recepisset........... puto mandati esse actionem, quia plenius fuit mandatum habens et custodiae legem'—L. 1, para. 12, ff. depos. (Pothier, Del Deposito, Cap. I, art. 2, para. 9)". Ma jiswiex dak li jissottometti l-attur, li la darba l-konvenut ħa l-flus, u l-inkariku li jgħaddihom lil dak ir-raġel ma kompliehx, il-konvenut għandu jibqa' ritenut sempliċement bħala depożitarju; għaliex, bħal ma ġà ntqal, "initium inspiciendum" (Troplong, Del Deposito, sezione I, para. 30). Konsegwentement ir-rapport ġuridiku fil-kontrattazzjoni bejn l-attur u l-konvenut kien dak ta' mandat;

Ikkunsidrat;

*Illi*, kif gà ntqal, il-konvenut ma eżegwiex il-mandat mogħti lilu mill-attur; għalhekk għandu issa jiġi eżaminat jekk u liema azzjoni tikkompeti *lill-attur kontra* l-konvenut għal dina l-inadempjenza tiegħu;

Illi l-konvenut jissottometti *li l-oġġett tal-*mandat fil-kwistjoni huwa *illeċitu*, u għalhekk il-konvenzjoni bejnu u l-attur, bħala bażata fuq kawża illeċita, hija nulla u bla effett. L-art. 1959 (1) tal-Kodiċi Civili (*Kap. 23*) *jiddisponi li* l-mandat għandu jkollu bħala skop tiegħu ħaġa leċita li min jagħti l-mandat seta jagħmel huwa nnifsu. Dina hija l-applikazzjoni tal-prinċipji dottrinali. "Il mandato *bisogna che non* sia contrario nè alle leggi, *nè* alla morale. Sebbene non fosse considerato tale in sè stesso, basterebbe, perchè divenisse illecito, che lo fosse nelle circostanze particolari *del mandato*" (Pothier, Mandato, para. 231). "L'oggetto del mandato deve essere lecito. Quando il fatto è illecito, la legge non riconosce alcun effetto alla convenzione; è una obbligazione *fondata* su causa illecita, poichè la causa si confonde coll'oggetto dei contratti; e quando la causa è illecita, l'obbligazione è inesistente e non può avere alcun effetto" (Laurent, *Vol. XXVII*, para. 402). "Il mandato non può avere *per* oggetto un fatto illecito" (Baudry, Del Mandato, Vol. XXIV, para. 444). "È d'uopo che la cosa che si assume l'incarico di fare sia lecita; *giacchè*, se *fosse* contraria alla legge o al buon costume, l'accettazione di un tale incarico non sarebbe obbligatoria; e perciò a chi l'avesse dato non competerebbe alcuna azione contro chi *l'avesse accettato*, per non essersi dal *medesimo* fatta la cosa di cui era stato incombenzato; e questi, dal canto suo, lungi dall'avere una azione contro colui dal quale fosse di ciò incaricato, sarebbe generalmente punibile se vi avesse adempito. Lo stesso mandante potrebbe in generale essere pur anche perseguitato e punito come complice del fatto........... È mestieri che il *mandatario* possa fare la cosa di cui viene *incaricato*, cioè che non siavi in lui impedimento per natura o per legge a farla" (Duranton, Vol. XVIII, Del Mandato, para. 192,194). "Importa che l'affare affidato al mandatario debba essere lecito. Si è questa una bella massima di Ulpiano—"rei turpis nullum mandatum est; et ideo hac actione non agetur" (L. 6, para. 3. D. *Mandati*";

Illi huwa evidenti li l-iskop preċipwu ta' l-attur, meta huwa kkonsenja l-flus lill-konvenut biex dan jgħaddihom lil dak ir-raġel, kien dak li jevadi l-liġijiet fiskali. Ġie pruvat li wieħed raġel min-Naxxar avviċina lil Baldacchino u qallu li l-uffiċjali doganali kienu sejrin jipperkwiżizzjonaw lill-attur meta jinżel minn fuq il-vapur "Laurana". Baldacchino rriferixxa kollox lill-attur, u dan immedjatament avviċina lill-konvenut, biex dan jagħmel dak "li huwa nnifsu ma setax jagħmel", jiġifieri biex inizżillu l-flus l-art hu, u hekk jevadi l-liġi u jeħles flusu mill-konfiska, apparti xi piena oħra. Dina kienet ħaġa illeċita; u anki l-konvenut raha hekk, tant li huwa dak l-inkariku ma riedx jeżegwih, u kien għalhekk li huwa ssuġġerixxa lill-attur li jikkonsenja dawk il-flus, biex inizżilhomlu l-art, lil dak ir-raġel. L-oġġett tal-mandat kien għalhekk illeċitu, għaliex kontra l-liġi; jiġifieri kontra d-"Defence (Finance) Regulations, 1942". Troplong jenumera diversi każi ta' illiċejità ta' mandat minħabba f'hekk, u jgħid :— "Lo stesso sarebbe a dirsi del mandato per fare il contrabbando" (Del Mandato, para. 30). U jiċċita l-Pothier (Del Mandato, no. 7);

Illi fuq l-iskorta tal-prinċipji fuq żvolti, jidher ċar għalhekk li, ladarba l-mandat fuq imsemmi kien illeċitu, lill-attur ma tikkompeti ebda azzjoni għar-restituzzjoni ta' flusu kontra l-konvenut. "In tutti questi casi il mandato non produce verun'azione, nè da parte del mandante, nè da parte del mandatario. Quegli non è ammesso a chiedere conto al mandatario; questi non è ammesso in giudizio a farsi indennizzare dal mandante. 'Non habebis mandati actionem' (Ulpiano, L. 12, para. 11, D. Mandati). Imperciocchè non potrebbe aprirsi il santuario della giustizia per coloro che si han messo la giustizia medesima sotto ai piedi. L'uomo che ha fatto un mandato contrario alla probità, all'onore ed alla pubblica onestà, è indegno di essere ascoltato dai magistrati, i quali debbono giudicare secondo la probità, l'onore e l'onestà pubblica" (Troplong, loc. cit., para. 31);

Għal dawn ir-raġunijiet;

*Tiddeċidi billi tirrespinġi* d-domandi attriċi. L-ispejjeż, minħabba ċ-ċirkustanzi tal-każ, jibqgħu bejn il-kontendenti bla taxxa; imma d-dritt tar-Reġistru jħallsu l-attur.